MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 995/2002

**Kawza Nru:**

**Cit Nru: 995/02 JA**

**General Precast Concrete Limited.**

**-vs-**

**Dalli Bros. Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-3 ta’ Settembru, 2002 li bih s-socjeta’ attrici ppremettiet:

Illi s-scojeta’ konvenuta hija debitrici tas-socjeta’ attrici ghas-smma ta’ hamest elef, tmien mija u tmintax-il lira Maltin u tmenin centezmu (Lm 5,818.80) rapprezentanti kwantu ghas-somma ta’ erbat elef, tmien mija u tmintax-il lira Maltin u tmenin centezmu (Lm 4,818.80) bilanc ta’ prezz dovut xogholijiet ta’ bini u kostruzzjoni ta’ *‘showroom’* u ufficini fil-Gudja maghmula fuq inkarigu tas-socjeta’ konvenuta stess u kwantu ghall-elf lira Maltin (Lm1,000) *outstanding credit notes;*

Illi ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet interpellata diversi drabi biex thallas anke permezz ta’ Ittra Ufficjali ta’ l-ghaxra (10) t’ April, 2002 u din baqghet inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta’ attrici titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ ghandhiex:

1. tiddeciedi u tiddikjara li s-socjeta’ konvenuta hija debitrici tas-socjeta’ attrici ghas-somma ta’ hamest elef, tmien mija u tmintax-il lira Maltin u tmenin centezmu (Lm 5,818.80) rapprezentanti kwantu ghas-somma ta’ erbat elef, tmien mija u tmintax-il lira Maltin u tmenin centezmu (Lm 4,818.80) bilanc ta’ prezz dovut xogholijiet ta’ bini u kostruzzjoni ta’ *‘showroom’* u ufficini fil-Gudja maghmula fuq inkarigu tas-socjeta’ konvenuta stess u kwantu ghall-elf lira Maltin (Lm1,000) *outstanding credit notes;*

2. tikkundanna u tordna lis-socjeta’ konvenuta thallas l-ammont dovut u spettanti lis-socjeta’ attrici kif premess, bl-imghaxijiet kummercjali bir-rata ta’ tmienja fil-mija (8%) dekorribbli mid-data tad-dovut pagament sad-data ta’ l-effettiv pagament, u dan ai termini ta’ l-artikolu 1141 (1) tal-Kodici Civili;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-Ittri Ufficjali ta’ l-ghaxra (10) t’ April, 2002, bl-imghax u bir-rizerva ta’ kull dritt fil-Ligi.

Il-konvenuti ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici mahlufa minn Tonio Farrugia fit-3 ta’ Settembru, 2002 u l-lista tax-xhieda.

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta’ konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u b’ hekk baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat in-nota ta’ ammissjoni parzjali u n-nota ta’ riduzzjoni.

Semghet l-Avukat tas-socjeta’ attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni u kif ridotti jirrizultaw pruvati;

Fil-kontumacja tas-socjeta’ konvenuta tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet tas-socjeta’ attrici kif ridotti u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ elf lira Maltin (Lm 1,000) bl-imghaxijiet kummercjali bir-rata ta’ tmienja fil-mija (8%) dekorribbli mid-data tad-dovut pagament sad-data ta’ l-effettiv pagament, l-ispejjez tal-kawza inkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali ta’ l-ghaxra (10) t’ April, 2002.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------